KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**Laqgħa Numru 26** **It- Tlieta 7 t' April 2026**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:05pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joseph Gatt – Sindku
Keith Cassar – Viċi Sindku
Chris Grech – Kunsillier
Thomas De Martino – Kunsillier
Sammy Mallia – Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier
Charles Schembri- Kunsillier

**ASSENTI b' APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Anthony Agius Decelis – Minority Leader
Chantelle Portelli- Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier

**ASSENTI:**
Andre Buhagiar- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Jeremy Bartolo – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Joseph Gatt ippreseda l-laqgħa.

**26.1Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Il-Minority Leader u l- Kunsillieri Bonnici u Portelli informaw lill-Kunsill li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa minħabba ċirkustanzi personali. Il-Kunsilliera preżenti approvaw unanimament l-ittri tagħhom sabiex ikunu uffiċjalment skużati mill-parteċipazzjoni f'din is-seduta.

**26.2 Rapporti**

**26.2.1 Evaluation of Tender KLM 01/2026- Upkeep & maintenance of parks , gardens & soft areas in Mosta , in an environmentally friendly manner**

Is-Sindku ppreżenta r-rapport t' evalwazzjoni tal-Bord tat-Tenders, fejn ġie nnutat li ġew sottomessi seba' (7) offerti permezz tas-sistema tal-EPPS skond il-proċeduri Matul il-proċess t' evalwazzjoni, ġie osservat li diversi applikanti kellhom dokumentazzjoni nieqsa fis-sezzjoni tas-sottomissjoni finanzjarja.

Il-Kunsill qabel mad-deċiżjoni tal-Bord li dawn is-sottomissjonijiet ma setgħux jiġu evalwati minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni meħtieġa. Konsegwentement, mis-seba' offerti sottomessi, żewġ (2) applikanti biss ippreżentaw id-dokumentazzjoni kollha kif rikjesta.

Minn dawn iż-żewġ offerti, applikant wieħed biss kien konformi mal-baġit stipulat mill-Kunsill, filwaqt li l-ieħor qabeż b'mod sinifikanti dan il-baġit.

Għaldaqstant, il-Kunsill qabel li jirrakkomanda lil Urban Landscaping Solutions bħala r-rebbieħ ta' dan it-tender.

**26.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduti li jmiss**

Il- laqgħa ntemmet fis- 7:31pm u d- data, għal- laqgħa li jmiss, il- laqgħa numru 27, ser tibqa kif skedata, nhar it- Tlieta 28 t' April 2026.

**IFFIRMATI**
**Joseph Gatt**
**Sindku**

**IFFIRMATI**
**Jeremy Bartolo**
**Segretarju Eżekuttiv**